**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Settembru 2023**

**<u>Rikors nru: 401/2023 AGV ;</u>**

**D A**

**Vs**

**GA**

Il-Qorti;

Rat ir-RIKORS ta' divorzju ta' DA , datat 17 ta' Lulju 2023.

Jesponi reverentement u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-wieg taghhom fil-24 ta' Jannar 1998 fil-knisja ta 'Loreto, gewwa Gwardamangia ( certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bahal **DOK. A** )

2. Illi l-esponenti jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal D , J u S , ahwa A li twieldu rispettivament fl-24 ta Settembru 1991, fl-10 ta Gunju 1998, u fit-2 ta' Awwissu 1999 u li ghalhekk huma ilkoll maggorenni u ghandhom 'l fuq minn 23 sena;

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta kuntratt ta separazzjoni ppublikat mnn Nutar Pubbliku Dottor Reuben Debono fid-19 ta Dicembru 2014 (Kopja awtentika hawn annessa u mmarkata **bhala DOK. B)**

4. ILLI kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti irrinunzja mid-dritt tieghu illi jitlob u/jew jircievi manteniment minghand l-intimata filwaqt illi huwa obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata s-somma mensili ta mitt ewro (€100) ghal-bzonnijiet personali taghha (vide Artikolu 8a tal-istess kuntratt);

5. Illi fir-rigward tat-tfal l-esponent jirrileva illi huwa dejjem hallas il-manteniment ghall-bzonnijiet taghhom fl-ammont mensili ta €900 ai termini tal-Artikolu 8b tal-istess kuntratt ta separazzjoni hawn fuq imsemmi u arreterti m'hemmx ;

6. Illi sussegwentament il-partijiet bi ftehom emendaw il-kuntratt ta separazzjoni permezz ta kuntartt li gie ppublikata hawn annessa u

mmarkata bhala(**Dok C )** fejn l-esponenti hallas is-somma ta hmistax il elf Ewro (€15,000) ghas-saldu tal-manteniment dovut u pagabbli lill-intimata u kif ukoll ghas-saldu ta kwalunkwe arretrati ta manteniment dovuti minnu u konessjoni mat-tfal (vide klawzola numru 1 f'pagna 3 tal-istess kuntartt u kif ukoll klawzola numru 9) illi fl-istess ftehim l-intimata irrinunzjat ghad-dritt taghha illi titlob manteniment mir-rikorrent (vide klawzola numru 3 f'pagna 3 tal-istess kuntratt).

7. Illi in oltre illi il-gurnata t-tfal kollha ghandhom 'il fuq minn 23 sena;

8. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

9. Illi l-esponenrt qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok D;**

10. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjuri huma separati permezz ta kuntratt ta separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejnthom.

Ghaldaqstant , l-esponent jitlob bir-riseptt illi ai tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B Tal-Kapitolu 16, dina L-OnorabblI Qorti joghgobha , previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-artiklou 66C tal Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta dawk il-kondizjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijet kif mahseb fl-imsemmi Artiklou 66C.

**Rat ir-risposta ta' GA datata 11 ta' Settembru 2023**

Illi hu minnu li l-esponenti kienet mizzewga li l attur u li kellhom tlett itfal llum huma maggorenni

Illi in segwitu ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat fid-19 ta' Dicembru 2014, kien hemm emenda fil-kuntratt , li gie ffirmat nhar il- 21 ta' Dicembru 2021 fejn l-attur hallas l-arretrati ta' manteniment li kienu dovuti u l-esponenti irrizunjat ghad-dritt ta' manteniment minghand l-attur

Illi ma hemm ebda prospet ta' rikonciljazzjoni.

L-esponenti mhux qed topponi ghat-talba tal-attur , izda tixtieq li tirrvereti ghal kunjom xbubitha u cjoe C .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 24 ta' Jannar 1998**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**